dan il-ktejjeb. Wieħed jifhem li dan huwa debutt għal din l-awtriċi, li huwa biżżejjed biex tagħti gost lil ħafna nies. U fl-aħħar mill-aħħar dan l-għan intlaħaq. Xi waqtiet fakkarni f'xi kotba li nkitbu għaż-żgħażagħ bħal ngħidu aħna fiż-żmien kien ħareġ "It-Triq għaż-Żgħażagħ imma… liema triq?" u oħrajn. Cilia hija żagħżugħa wara kollox, u dawn l-istejjer ukoll huma friski, onesti u b'messaġġ ċar u dirett.

F'ħafna minn dawn l-istejjer għalhekk donnha trid twassal messaġġ li huwa aktarx fil-wiċċ. Ngħidu aħna li wara t-tbissima ta' persuna hemm it-tbatija (Ġanni l-buffu, p.12); l-Imħabba lejn l-annimali (L-istorja tal-kelb, p.9), it-trawma wara rejp (p.11), u li minkejja li ma trid tagħmel lil ħadd alla tiegħek u l-ħbieb jaf jitfuk fl-għawġ, xi darba wkoll jidher xi"Ħabib"(p.126).

Is-sempliċità tal-ħajja tispikka f'bosta minn dawn l-istejjer u l-awtriċi tagħraf l-importanza li

t-teknoloġija ma tisirqilniex ħajjitna (Lill-umani, p.13). Il-bniedem għaldaqstant huwa fiċ-ċentru ta' dawn l-istejjer. U wara kulll bniedem hemm storja, kif insibu fl-istorja it-tabib, fil-fehma tiegħi waħda mill-aħjar f'din il-ġabra (p.34).

Irrid nagħmilha ċara li dan mhuwiex ktieb għal min ifittex xi kontroversja fl-istorja. Ċertament iżda li huwa ktieb għal min qed ifittex qari mexxej, stejjer qosra u fuq kollox li jagħtuk pjaċir. Wara kollox jekk l-għan tal-qari huwa li jagħti gost il-qarrej, Mandy Cilia laħqet dan l-għan u persważ li `l quddiem ser naraw aktar xogħlijiet ta' din l-awtriċi.

## Innuendo ta' Anthony Portelli u Antoinette Borg

Żewġ ħsibijiet ġewni hekk kif qrajt dan il-ktieb (a) L-awturi qabdu suġġetti relevanti mislutin minn numru ta' ġrajjiet u huma kruċjali fil-ħsieb tagħna (b) L-awturi għarfu jinsġu b'mod tajjeb dak li ispirhom biex jiktbu dawn il-ġrajjiet għal dak li hu attwali.

Mill-arti, sa' xi qtil mafjuż, dan huwa speriment oriġinali ta' letteratura kollaborattiva: 12-il storja, miktuba bi sħab minn żewġ awturi rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Francis Ebejer, li jispazjaw tul firxa wiesgħa ta' pajjiżi, relazzjonijiet u emozzjonijiet.

Storja minnhom dwar il-laqgħa li toħodna lura għall-imħabba ta' Gustav Klimt and Emilie Flöge, żewġ artisti kbar fl-qosma tagħhom: Emilie kienet disinjatriċi tal-moda waqt li Gustav kien pittur. Mill-banda l-oħra niltaqgħu marraħħal Turu (propjament Arthur) b'razzett tal-ħnieżer li ltqaqa' ma' infermiera li kellha t-tpinija. Iħajjarha biex tmur tgħix miegħu fir-razzett. It-tmiem ta' din l-istorja mhux wieħed feliċi imma dak inħallih għal din l-istorja. L-esperjenza kiefra tal-gwerra u tal-firdiet bejn il-bnedmin jispikkaw fl-ewwel storja. Hawn niltaqgħu ma' mara li tersaq quddiem James u meta jsaqsilha isimha twiegbu "B19637" u titolbu bi ħniena biex ma jibgħathiex f'kamp tal-konċentrament. "Sparali sinjur" titolbu.

Dan huwa dak it-tip ta' ktieb li fl-immaġinazzjoni joffri lill-qarrej esperjenza sensorali, li tinkiseb grazzi għall-informazzjoni vasta li saret dawn l-istejjer minn kanzunetti popolari, tagħrif dwar il-gwerra, l-arti, l-kultura sal-ħajja mill-aktar ordinarja. Il-konklużjoni tal-istorja mhux neċessarjament hija waħda li l-qarrej ser jasal għaliha b'mod faċli. L-isem għaldaqstant tassew xieraq: Innuendo! L-istejjer fihom infushom xi waqtiet bħal jibnu ċeta tensjoni, kurżita' u anke forsi rabja. Kif insibu anke fil-kopertina ta' dan il-ktieb, "Darba waħda Ruth talbet lil James biex jisparalha. Flavia neħħiet kull mera li kellha fid-dar. Lil John ġrew warajh bil-ġebel fit-telgħa ta' Raħal Ġdid, u Turu ħalla l-majjali bil-ġuħ. Miguel kien f'dar ta' klijenta u fetaħ kexxun li ma kellux jiftaħ, u erbat iħbieb poġġew tarbija f'basket tax-xiri." L-emozzjonijiet għalhekk jilgħabu logħba ferm importanti. Meta qed naqra dan il-ktieb xi waqtiet ħassejtni qisni parti mill-istorja u jien ukoll irrid nara insibx ħjiel ta' dak li ser jiġri jew wara kollox għaliex ġara dak li ġara.

Niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet ordinarji, eżempju tifel li joħdilha x'xirja d-dar. Mill-banda l-oħra għandna mhux biss episodji minn pajjiżna imma anke barra minn xtutna bħal Venezja, l-Awtrija sa pajjiżi aktar `il bogħod bħal Sri Lanka.

Il-faċċat ta' dan il-ktieb hija wkoll interessanti ferm: Xogħol ta' Faye Paris, u naraw wiċċ kompost minn ors, widnejn donnhom ta' ħanżir u b'maskra venezjana. Ċertament dawn it-tlieta huma ispirati mill-kontenut tal-istejjer infushom.

## Tislima lil Anthony Portelli

Huwa xieraq li f'din il-ħarsa insellmu lil wieħed mill-awturi ta' dan il-ktieb, Anthony Portelli li ħalliena fid-9 t'April tas-sena li għaddiet (tal-2021). Portelli twieled fl-1947 f'San Pawl il-Baħar u kien l-akbar fost tlettax-il aħwa.

Il-bidu ta' Portelli forsi jmur lura fis-snin tmenin, meta beda jikteb id-drammi l-MTADA fejn kiteb "Deheb Iswed" u "Domino". Kienu bosta xogħlijiet fuq il-palk ta' Portelli, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Fost ix-xogħlijiet tiegħu insibu Il-Maskra tal-Imħabba, Triq Burnaby, Ħajja mill-Ġdid and Ċella Numru Ħamsa. Fost ix-xogħlijiet bl-Ingliż tiegħu wieħed isib Best Before End (li ttellgħet fl-1999), They Came for Up Helly Aa (li ttellgħet fl-2003), When Harry lost his marbles (2002), u Celebration (2003). Anthony Portelli rebaħ l-ewwel premju fil-konkors Francis Ebejer għad-dramm Ħajja mill-Ġdid fl-2001, mill-ġdid għar- radjudramm Kiesaħ u Biered fl-2011 u t-tieni premju bir-radjudramm Lippu d-Doggie (2012).

Portelli tana wkoll xi xogħlijiet għat-televixin fosthom Chalì, Rikba bla Ħlas u L-Invażjoni li kienu parti mis-sensiela "Stejjer Qosra" illi deheret fuq One TV. Anke fuq l-Istazzjon Nazzjonali deher it-teledramm tiegħu Ħelsien.

Innuendo, forsi l-aħħar xogħol tiegħu pubblikat huwa kollaborazzjoni mal-awtriċi bravissima Antoinette Borg li wkoll tatna ħafna kotba sbieħ fosthom Fittixni. Fil-fehma tiegħi jagħtina togħma tajba tal-kitba ta' dan l-awtur.

Nixtieq nikkonkludi billi nagħmel appell: Persuni bħal Anthony Portelli jistħoqqilhom rikonoxximent ikbar. Iva, nibda minni, u dawk kollha li għandhom mezzi ta' komunikazzjoni kif ukoll intom qarrejja, li ssiru tafu x-xogħol tiegħu. Il-kontribut ta' Portelli lejn il-Letteratura Maltija huwa wieħed kbir.

